Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur David Saliba)

vs

Clive Agius

Illum 26 ta' Ottubru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat fuq imsemmi Clive Agius, iben Simon u Simone xebba Azzopardi, imwieled Pieta fis-26 ta' Marzu, 1985 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 187685 (M) talli fil-Belt Valletta nhar id-9 ta' April 2001, matul il-gurnata ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Premier bin-numru tar-registrazzjoni MON 129 ghad dannu ta' Monica Borg, bil-hsieb li jaghmel uzu temporanju.

Talli fl-istess data, matul il-gurnata fi Triq Sant Anna l-Furjana u f'diversi lokalitajiet saq l-imsemmija karozza

Premier bin-numru tar-registrazzjoni MON 129 minghajr ma' ghandu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija, ghaldaqstant kien minghajr kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Talli wkoll huwa ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma definitivi u li ma jistghux jigu mhasra.

Fuq ammissjoni issibu hati u dan wara illi rat l-Artikolu 24 u 18 tal-Kap 65, l-Artikolu 2A u 3 tal-kap 101, kif ukoll l-Artikoli 37 u 31 u 14 tal-kap 9 u tikkundannah ghal multa ta' LM100 pagabbli fi zmien ghaxar xhur b'dan illi japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-kap 9 jekk l-imputat jonqos milli jhallas anke pagament wiehed biss.

Il-Qorti tiskwalifika lill-imputat mill-licenzi kollha tas-sewqan ghal sena, li tibda tghodd minn meta johrog mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur